# 32. Lil Missieri

Missier, għalkemm tinsab fis-sema fi ħdan Alla,
nistħajlek li m'intix
mistrieħ għal kollox.

Nistħajlek l'int ħerqan li fi ħdan Alla
tara lilna u lil ommi
kif xtaqt tul ħajtek.

Nistħajlek b'għajnejk fissi qiegħed tħares
f'xifer l-eternità
tistenna lilna,

U kif tilmaħna, titlaq taqdef lejna,
kif kont taqdef bid-dgħajsa
tal-bastiment,

U lilna ttella' u tibda taqdef taqdef
b'dawk dirgħajk kbar mibruma,
mimlija saħħa,

Twassalna ħdejn it-tron tal-Missier Alla,
ħerqan toqgħod tistenna
sakemm jaħfrilna.

Sew f'dak il-ħin tkun qtajt xewqtek għal dejjem,
u fi ħdan Alla tkun
mistrieħ għal dejjem.